

Brussell, 8 ta' Novembru 2019
(OR. en)

13691/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0114(COD)**

**CODEC 1565
DRS 57
IA 197**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 fir-rigward ta' konverżjonijiet, mergers u diviżjonijiet transkonfinali (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fil-25 ta' April 2018, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 50(1) u (2) TFUE, lill-Kunsill.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-17 ta' Ottubru 2018².
3. Fit-18 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni (mingħajr reviżjoni mill-ġuristi lingwisti). Wara l-finalizzazzjoni tat-test adottat mill-ġuristi lingwisti, il-Parlament approva rettifika għal dik il-pożizzjoni fis-sessjoni plenarja tiegħu mill-21 sal-24 ta' Ottubru 2019. Ir-rettifika tirrifletti l-ftehim ta' kompromess milħuq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandha tkunu aċċettabbli għall-Kunsill³.

¹ 8561/18.

² OJ C 62, 15.2.2019, p. 24.

³ 8499/19.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentant Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:

- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tidher fid-dokument PE-CONS 84/19 bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-astensjoni tal-Estonja u tar-Renju Unit;
- jiddeċiedi li d-dikjarazzjoni li tidher fl-Addendum 1 għal din in-nota tiddaħħal fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att legiſlattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att legiſlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
